Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-385 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 15 ta' Ġunju, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Kevin Plumpton.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-384 laqgħa.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Grech talab li ma jsir l-ebda tibdil fis-sinjali u t-tabelli li twaħħlu bl-approvazzjoni ta' Transport Malta fi Triq il-Kapuċċini. Is-Sur Grech qal li kien se jerġa' imur fuq is-sit mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi identifikat x'jista' isir biex titjieb is-sistema tat- traffiku f'din iż-żona.

Is-Sur Bonnici qal li minn informazzjoni li ġab, l-art mitluqa li hemm fi Triq l-Għollieq ma' Triq il-Luq hija proprjeta' privata u għalhekk il-Kunsill irid jieħu azzjoni biex is-sid inaddaf u jdawwal din l-art b'ħajt.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-*cameras* li kellhom jiġu nstallati fil-*playing field* tal-Qasam tad-Djar u talab li dawn jitwaħħlu fi żmien qasir. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet ser tiġi sottomessa l-applikazzjoni formali għall-installazzjoni ta' provista ta' dawl fil-jiem li ġejjin.

Is-Sur Buttigieg staqsa dwar jekk kienx qed jitħejja pjan biex jiġi organizzat ix-xogħol tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill taħt il-*Community Work Scheme.* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermattiv u qal li kien ħejja rapport sabiex jiġi evalwat mill-Kunsill.

Fit-7.50 ta' filgħaxija s-Sur Pisani u s-Sinjura Calleja talbu li jkunu skużati.

Is-Sur Pace qal li ma kienx ippreżenta rendikont tal-infiq minn qabel ma' ġiet organizzata l-attivita` Lejla fil-Belt Hompesch peress li fl-opinjoni tiegħu ma kienx ikun prudenti li l-parteċipanti u dawk kollha li kienu ser jagħtu servizz jkunu jafu kull wieħed u waħda minnhom kemm kienet ser titħallas qabel issir l-attività.

Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju tal-klabb tal-futbol St Patrick fejn intalbet laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-possibiltà li jsiru xi proġetti flimkien bl-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill. Is-Sindku tkellem dwar il-fatt illi l-liġi tal-Kunsilli Lokali issa teskludi kwalunkwe għajnuna finanzjarja lil xi għaqdiet u għaldaqstant għajnuna ta' dan it-tip ma tistax tingħata mill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mar-rappreżentanti tal-klabb biex terġa' tiġi spjegata din il-pożizzjoni.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Ċiviku dwar il-lejla kulturali 'Merħba lis-Sajf' li ser issir nhar it-Tlieta, 21 ta' Ġunju, 2011 fis-7.00 ta' filgħaxija fis-Sala tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mit-tim ta' produzzjoni *Sound Vision Print* dwar skeda ta' programmi Konfini mill-Pjazza. Għall-programm dwar il-lokalità u x-xogħol li qed isir mill-Kunsill Lokali qed jintalab ħlas ta' €1000. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jittella' dan il-programm dwar il-lokalità ta' Ħaż-Żabbar li għandu fost affarijiet oħra jittratta ix-xogħol li qed isir mill-Kunsill kif ukoll informazzjoni oħra relatata mal-funzjonijiet tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-perit tal-Kunsill dwar it-tiġdid ta' permessi temporanju sabiex il-funderija *Hompesch Steel* tkompli bl-operat tagħha fl-impjant tal-ħadid li hemm fi Triq id-Dejma. Il-perit informa lill-Kunsill li ma kienitx proċedura normali li jsir *Public Hearing* f'każ bħal dan, għaldaqstant il-perit issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-uffiċjali fl-Awtorita' tal-Ippjanar responsabbli mill-applikazzjoni għat-tiġdid tal-permess.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Pauline Agius Farrugia fl-Awtorita` tal-Ippjanar fejn talbet lill-Kunsill sabiex issir laqgħa dwar il-funderija *Hompesch Steel.* Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku u s-Sur Bonnici jattendu f'isem il-Kunsill għal din il-laqgħa.

Fit-8.10 ta' filgħaxija is-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

Inqrat korripondenza mibgħuta mis-Sur Andrew Agius Muscat li talab lill-Kunsill sabiex triq mingħajr isem f'Ħaż-Żabbar tissemma għall-politiku, għalliem, xandar, politiku u ex-Sindku Renato Agius Muscat. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tissemma triq għas-Sur Renato Agius Muscat.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *workshop* Immagina 18 / Kapitali Ewropej tal-Kultura li ser jiġi organizzat nhar it-Tnejn u nhar it-Tlieta 20 u 21 ta' Ġunju 2011.

Inqrat korrispondenza dwar l-attività sportiva li ser issir bejn il-Kunsill Lokali u ċ-Ċentru Sant'Andrija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-parteċipanti żgħażagħ jingħataw tifkira għall-parteċipazzjoni tagħhom f'din l-attività.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Malcolm Schembri dwar il-pubblikazzjoni Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar fejn il-Kunsill ġie mistieden jagħmel avviż bi ħlas f'din il-pubblikazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel avviż ta' informazzjoni dwar is-separazzjoni tal-iskart għall-prezz ta' €95.

Inqara rapport li l-Kunsill kien irċieva mingħand is-Sur Carmelo Bonnici dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Faqqus, fejn is-sewwieq talab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija TCTC dwar tqassim ta' poster fi djar ta' Ħaż-Żabbar rigward korsijiet tal-kompjuter li ser jiġu organizzati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għalkemm dawn il-korsijiet m'humiex ser jinvolvu ħlas dirett u fi flus mill-Kunsill kienet ser tintuża l-proprjeta u r-riżorsi tal-Kunsill biex isiru l-korsijiet. Għaldaqstant kien ikun aktar għaqli kieku l-Kunsill ħareġ sejħa pubblika għal dawk li jixtiequ jorganizzaw korsijiet ta' taħriġ ta' l-informatika għaż-Żabbarin. B'hekk il-Kunsill kien ikollu l-fakultà li jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża għar-residenti.

Is-Sur Grech qal li qed iħoss li qed jitlef il-fiduċja fis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sindku jitlob lis-Sur Grech jissostanzja dak li kien qal u għaliex is-Sur Grech kien għamel din l-istqarrija, iżda dan ma sarx.

Fit-8.30 ta' filgħaxija s-Sur Robert Buhagiar daħal lura għal laqgħa.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

- Approvazzjoni ta’ Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta’ Mejju 2011 li kien jammonta għal €113.40. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta’ bejn id-19 ta’ Mejju, 2011 u l-15 ta’ Ġunju, 2011 li kien jammonta għal €54,066.44. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2010

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju Amministrattiv għas-sena 2010. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-*Management Letter* tal-Udituri għas-sena finanzjarja 2010 kif ukoll kopja tar-risposta tal-Kunsill għal din l-ittra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva l-ittra ta’ risposta mill-Kunsill għal din il-*Management Letter.*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi ħames offerti għas-servizz ta’ knis u qtugħ ta’ ħaxix f’toroq urbani f’Ħaż-Żabbar. L-offerti mitfugħa kienu mingħand:

| Kuntrattur | Prezz |
|---|---|
| Ronald u Christopher Bezzina | €75,000 |
| Wilson Mifsud | €79,800 |
| David Grech | €70,000 |
| Saviour Mifsud | €74,000 |
| Victor Borg & Nicholas Casha | €99,312 |

Il-garanziji bankarji u d-dokumenti l-oħra rikjesti kienu kollha sottomessi, mimlija u ffirmati kif mitlub mill-offerenti. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-offerta tas-Sur Grech li kienet l-aktar offerta vantaġġjuża.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet ġiet sottomessa offerta waħda għal xogħol ta’ *resurfacing* ta’ numru ta’ toroq taħt l-iskema *Public Private Partnership (*ZLC 2/2011). L-offerta mitfugħa kienet mingħand il-Kumpanija *Vella Group Limited* għall-prezz ta’ €190,197.75. Id-dokumenti kollha kienu mimlija u ffirmati.

Is-Segretarju qara wkoll ir-rapport li tħejja mill-*Contract Manager* tal-Kunsill dwar din l-offerta. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata l-offerta mingħand Vella Group Limited.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' ġbir ta' skart domestiku mħallat (ZLC 5/2010) ser jagħlaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt jew jekk tinħariġx sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-laqgħa li saret mal-kumpanija *Greenpak* dwar il-ġbir ta' skart riċiklat. Is-Sur Bonnici qal li l-kumpanija *Greenpak* kienet qed tipproponi li nhar ta' Tlieta jinġabar biss l-iskart riċiklat bil-għan li jiżdied l-ammont ta' skart riċiklat fid-djar ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Plumpton, il-Kunsill qabel unanimament li għalissa nhar ta' Tlieta għandu jkompli jinġabar ukoll l-iskart domestiku mħallat.

Fid-9.15 ta' filgħaxija is-Sur Grech talab li jkun skużat.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament it-tnax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sindku talab sabiex tintbgħat ittra lir-residenti ta' Triq San Ġużepp Sqaq Nru 3 biex ma jitpoġġiex skart quddiem id-dar ta' resident.

Is-Sindku ressaq l-ilment tar-residenti sabiex Triq Taddew Schembri ssir *one-way*.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jinżabru s-siġar li hemm f' Misraħ San Ġakbu.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li tinbidel il-*P A system* li hemm fis-sala tal-Kunsill peress illi din ilha ħafna snin u m'għadhiex taħdem tajjeb.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jsir *refresh* taz-*zebra crossing* li hemm fi Triq Bajada ma' Triq tal-Labour.

Is-Sur Plumpton talab sabiex it-tapit ta' ħaxix artifiċjali li hemm mal-Mina ta' Hompesch jitneħħa u minflok isir xi ħaġa aktar estetikament xieraq għad-dħul f'Ħaż-Żabbar.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.45 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-386 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 7 ta’ Lulju, 2011.

Domenic Agius
Sindku